*Kunsill Lokali Marsaskala*
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill b'urġenza Kunsill Lokali Marsaskala**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 19**

**It-Tlieta 16 ta' Diċembru 2025.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija u mxandra fuq il-website tal-Kunsill.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Beverly Saliba – Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Celine Camilleri – Kunsillier
Francis Gilford – Kunsillier
Jesmond Abela - Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Patrick Camilleri-Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Eżekuttiv

**19.1** ***<u>Qari t'aploġija:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

- ***<u>Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri ħareġ mil-laqgħa fis-6:00pm.</u>***

**19.2** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti: Laqgħa 18 li saret Nhar it-Tlieta 21 ta' Ottubru 2025:</u>***

**19.2.1** **Korrezzjoni tal-Minuti: Laqgħa 18 li saret Nhar it-Tjnejn 10 ta' Novembru 2025:**

**19.2.1.1** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi f'paġna 6 artiklu 18.3.11 għanda tittranġa l-kelma plateum għal plateau kif ġej:

''Is-Sindku qal li tkelmu fuq l-*ispeed cameras* fi Triq id-Daħla ta San Tumas fejn ma aċċetawhomx għaliex ma hemmx biżżejjed traffiku. Huwa qal li tkellmu ukoll sabiex issir *zebra crossing* imma *plateau* iżda tar-restaurant ser jkollom problema minħabba il-parkeġġ. ''

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hekk kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ppropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekondat l-Kunsillier is-Sinjura Mary rose Mifsud. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 1 astenzjoni.

**19.2.2** **<u>Matters Arising tal-Minuti: Laqgħa 18 li saret Nhar it-Tnejn 10 ta' Novembru 2025:</u>**

**19.2.2.1** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 4 artiklu 18.2.2.6 u qal jekk hux possibli li l-Kunsill jagħmel pressjoni ma' Infrastructure Malta sabiex il-problemi ta' ċirkulazzjoni tal-ilma fil-magħluq jiġu indirizzati issa li qed issir il-promenade. Saħaq li għandna nagħmlu dan biex nindirizzaw il-problema ta'dan il-wirt storiku u ambjentali u ghamel referenza għad-diversi drabi li l-Kunsill kien semma din il-problema ta' ċirkulazzjoni fil-passat.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal li ma jaħsibx li hemm xi problema biex nistaqsu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi diġa staqsejna imma ma sar xejn.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jixtieq li l-Kunsill jifhem l-importanza tagħha. Il-kunsillier J Baptist Camilleri qal illi qed nitkellmu fuq ir-riġenerazzjoni ta' Marsaskala u qed ninsew dik tal-Magħluq meta din hija l-oppoprtunita' li jittranġaw id-difetti kkawzati.

Is-Sindku S-Sur Mario Calleja qal illi fl-opinjoni tiegħu ser isir xogħol fuqu għaliex mhux possibli li jsir kollox barra l-Magħluq pero nistghu nkunu ċerti billi nistaqsu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi meta sar dak il-bridge fil-Magħluq saddew iċ-ċirkulazzjoni u din hija xi ħaġa li ġiet diskussa fil-Kunsill diversi drabi. Issa jekk qeghdin f'sitwazzjoni li qed jinqala kollox irridu nagħmlu pressjoni biex tiġi solvuta din il-problema.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi kollha nafu li ir-riġenerazzjoni ser issir mill-Knisja sal-ex Jerma allura sa Zonqor mhux ħa issir, pero tajjeb li dan ix-xogħol tal-magħluq isir issa sabiex nevitaw illi jerġa jinqala kollox wara.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tajjeb nitolbu laqgħa speċifikament fuq iċ - ċirkulazzjoni għal magħluq.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**19.2.2.2** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 5 ariklu 18.3.6 qal illi issa huwa ċ-ċans sabiex isir bus shelter għaliex hemm biċċa wiesgħa fejn jista jsir.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ser nkellmu lis-Sur Ray Azzopardi minn TM.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi konna iddiskutejna l-bus stop ta' Triq il-Qaliet biex issir bus shelter.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Perit irrisponda li se jaħdmu fuqha għaliex kellhom problema.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm bus stop ieħor quddiem l-ironmongery fi Triq il-Qaliet fejn hemm build out u hemm għalqa vojta forsi tiġi ikkunsidrata li l-build out tigi estiza ftit u tiġi l-bus shelter hemm.

Is-Seretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi xi ħaġa bħal din irid jgħamlilna siteplan il-Perit u nibgħatuha TM.

Kien hemm qbil li napplikaw għal din ukoll ħalli jkollna zewġ opzjonijiet.

**19.2.2.3** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 4 artiklu 18.2.2.5 qal illi ir-rispons tad-dawl tal-Milied kien tajjeb ħafna u qal illi flok Triq ix-Xatt sar tizjin fi Triq iz-Zonqor u saret biċċa ħdejn il-pitch.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi d-dawl li hemm fuq il-kajjik fi Triq il-Blajjiet huwa qawwi ħafna u qed itellef lis-sewwieqa.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tkellem mas-Sur Joe Borg tan-Nexos biex itina dawl aktar speciċifku u ma jiftaħx daqsekk.

**19.2.2.4** Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet illi rigward l-attivita` Minn Pjazza għal pjazza meta irċiviet il-komunikazzjoni kienet fis-7:00pm pero tmexxa l-ħin għad-9:00pm u l-Kunsill ma nfurmahiex.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi s-Sinjura Claudia mid-DLG ċemplitlu biex tinfurmah pero hu assuma illi la darba il-Kunsillier Beverly kienet qed taħdem fuq il-proġett mal-Ministru kienet hi l-ewwel waħda li kienet taf bil-bidla fil-ħin.

**19.2.2.5** Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri tkellmet fuq il-Milied Skaliz u staqsiet jekk bil-flus li kienu għad-dispozizzjoni tal-Kunsill inħossux li ħarġet attivita' tajba.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi bil-limitazzjonijiet kollha morna tajjeb.

Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet illi hi tixtieq li għal sena oħra nobbligaw lil dawk li jikru l-istalls li jkunu miftuħin f'ħin stipulat anke jekk trid tkun hemm qabel mhux problema pero fil-ħin stipulat għandhom ikunu hemm għaliex mhux sabiħ li jiġu n-nies u ma jsibux stalls miftuħin.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fl-opinjoni tiegħu tajjeb li issir press conference kif ukoll ikun hemm aktar entertainment tat-tfal.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi anke aktar marketing ikun tajjeb li nziedu.

**19.2.2.6** Is-Sindku tkellem fuq paġna 5 artiklu 18.3.9 fejn qal illi komplew il-laqgħat fuq din il-ħbiberija maċ-Ċina hu qal ili ħarġu ħafna affarijiet fosthom li ser ikun hemm delegazzjoni minn Malta fejn staqsa lil Kunsilliera min kien nteressat li jkun parti mid-delegazzjoni li ser tikkontisti minn Kunsilliera, membri mill-Ghaqda ta' hbieberija bejn Malta u Ċina kif ukoll xi residenti bi rwoli differenti.

Il-Kunsillier is-Sinjorina Beverly Saliba staqsiet għaliex likel transport u l-affarijiet baziċi tad-delegazzjoni m'humiex ser ikunu mħallsa mill-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sinjura Mary rose Mifsud qalet illi ċ-Ċina tinsab barra mill-Ewropa.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-allowance jiġi ikunsidrat biss meta l-Kunsill ikollu ġemellaġġ u biex isir twinning trid tgħaddi minn proċess twil kif ukoll qeda fil-liġi fejn idejalment l-Kunsilli jgħamlu twinning ma Pajjizi ewropej sabiex ikunu eligibli għal fondi tal EU.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tkellem mad-direttur u qal illi jistgħu joħorġu xi flus bħala fondi straordinarji, fejn is-Sindku qallu li jixtieq imqar li jkun hemm għajnuna ta 25% u dan qallu li sta għas-Segretarju Ezekuttiv u l-Kunsill jekk jgħatu permess li dan isir.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fil-liġi hemm illi fuq safar ma jistax jonfoq aktar min €3500 fuq twinning pero' jekk id-direttur jista jgħatina dak li qal lis-Sindku bil-miktub hu ma jsibx problema.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi meta dawn jigu Malta dejjem niġġeneraw x-xogħol lir-ristoranti tal-Lokal sabiex niġġeneraw il-ġid. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi anke l-istatwetta ser titpoġġa fil-lokal li hi xi ħaġa sabiħa ħafna.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ċ-Ċinizi kienu huma li talbu din il-ħbiberija għax tant ħabbew il-lokal.

**19.2.2.7** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi rigward l-AGM tad-Douzelage li ser issir f'Marsaskala x-xogħol miexi ġmielu. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kellem anke xi nies mis-sezzjoni tal-victim support u qal illi l-ispeakers ukoll avżati bid-dati.

- **Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri daħal għall laqgħa 6:46pm.**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Kunsill irid joqgħod attent sabiex joħroġ it-tenders għal akkomodazzjoni fost affarijiet oħra fit-tender għandha titniżżel illi l-ammont kwotat ser jinżamm l-istess għal meta ser ikollna bżonn is-servizz.

**19.3** <u>**Komunikazzjoni mis-Sindku:**</u>

**19.3.1** <u>**Xiri ta vann għal uzu tal-Kunsill:**</u>

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi wasal iz-zmien li l-Kunsill jixtri vann pero meta tkellem mal persuna kkonċernata qallu illi l-van irid ikun tal elettriku.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal illi irid ikolna charger sew f'Marsaskala għaliex l-unika waħda *fast voltage* li hawn fil lokal ma tahdimx, kieku jkollna charger sew m'għandux ikun hemm problema b'van tal-elettriku.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-Kunsill jista jkollu charging point minn fuq il-bejt tal-Kunsill u jkun għal van tal-Kunsill biss.

Is-Segretarju Ezekuttiv Josef Grech qal illi l-mekanik offra li jtina €700 u jzomm il-van għaliex għandu ħafna ħsarat li l-Kunsill ma jaqbillux li jsewwi għaliex tkissret il-magna u daqt wasal iz-zmien li nħallsu l-insurance u l-liċenzja u probabli ser ikun hemm bzonn li nigaraxxjawh.

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela qal illi jezistu grants li l-Kunsill jista jieħu għal van l-antik sabiex jixtri van ġdid elettroniku.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi tkun €1000 ghal iscrapage scheme.

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela qal allura aktar jaqblilna li nbieghuh lil mekkanik li kien l-oghla offerent biex niddisponu minnhom fl-iqsar zmien possibli.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi biex tiskrapjah irid ikollok il-vettura l-ġdida u biex noqgħodu nigarraxjawh u l-van l-ieħor jibqa dejjem barra ma jagħmilx sens biex niffrankaw €300.

**19.3.2** **<u>Formal request for information concerning meetings held by Marsaskala local council related to works for the regeneration project and ferry landing:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi irċieva din it-talba mingħand Dr Ivan Sammut f'isem Marsaskala Residents Network fejn irid li ntuh l-laqgħat kollha fejn il-Kunsill iddiskuta l-ferry , meta kull Kunsillier attenda xi laqgħa formali jew informali li ddiskuta dan is-suġġett u kull tip ta informazzjoni li l-Kunsill għandu.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi kull laqgħa tinsab online kif ukoll il-videos tal-laqgħat kollha.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi dan is-suġġet jidirlu li ġie diskuss darbtejn, darba mall-Ministru u darba waqt laqgħa tal-Kunsill.

Is-Segretjaru Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qed jistaqsi lill Kunsill jekk jaċċettawx li nibagħtulu l-minuti mall-Ministru li ma kienux fil-laqgħa ufficjali.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu ma jaqbilx li l-minuti tal-laqgħa mal-Ministru jintbagħtu peress li dawn ma kienux minuti uffiċjali

Il-Kunsilier is-Sinjura Celine Camilleri qalet illi din kienet informazzjoni u ma tħossx li mghandniex għalfejn ma nibgħatuwhomx la darba ġew minuted.

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri staqsa jekk għal fini ta liġi tistax tibat din il-laqgħa mingħajr il-permess tal-Ministru.

Is-Segretarju Ezekuttiv Josef Grech qal illi l-minuti li ħadna ma batnijomx lil Ministru u zball f'xi sentenza tista tiġi miftiehma ħazin u tirrefletti ħazin fuq l-andament tal-laqgħa.

Dr Errol Cutajar qal illi l-minuti tal-Kunsill jiġu pprezentati fil-laqgħa ta' wara ghal-korrezzjoni u hemmhekk jiġu approvati minna u wara dan il-proċess jiġu dokumenti pubbliċi u allura seta jifhem il-punt għalfejn il-minuti ta mal-Ministru ma setgħux ikunu dokumenti pubbliċi.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dak li ġie diskuss mal-Ministru ġie diskuss imbagħad fis-seduta tal-Kunsill li issa tinsab online.

Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud qalet illi jista jistaqsu lil Ministru għal din l-informazzjoni u jekk irid jibagħtha min-naħa tal-Ministeru.

Kien hemm qbil unanimu li ninfurmaw lil Dr Sammut li jista jsib l-informazzjoni kollha online mil-minuti tal-Kunsill.

**19.3.3** **<u>PA/04581/23 Proposed demolition of existing building and construction of 4 residential dwellings, a class 3A guest house with underlying basement garage. Proposal includes also construction of pool and fixing of fascia sign 18/20 Triq San Ġwakkin Marsaskala:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi wara li ġiet approvata l-applikazzjoni fil-PA issa nfetaħ appell fl-EPRT.

**19.3.4** **<u>Ħsara fil-vettura ANR 004:</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi li ġara hi li l-kaptella giet milqutha minn xi vettura u l-individwu meta ġiet tipparkja spiċċat ċartet it-tyre u ħadet il-ġenb ukoll.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din il-kaptella issewiet immedjatament.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford qal illi ma kissirnix min naħa tagħna allura kif għandu jeħel il-Kunsill.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi meta jkun hemm ħofra fit-triq ukoll nieħdu r-responsabilita' aħna.

Kien hemm qbil unanimu li nħallsu 70% tal-ispejjez.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi biex nevitaw aktar minn dawn l-affarijiet hemm bzonn li nsewwu l-ħofor li hawn fil-lokalita`

Is-Segretarju Ezekuttiv staqsa jekk il-customer care jafux b'dawn il-ħsarat.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi bat kollox lil Customer Care.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi allura dawn qedin fil-lista li ser isiru mill-kuntrattur.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fejnhom il-ħaddiema tal-Kunsill.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi kulħadd qiegħed bil-leave.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ma jistax jifhem kif natu permess li nħaluhom kollha joħrogu bil-leave f'daqqa, kompla jgħid illi anke fil-Christmas village ma kien hemm ħadd minnhom biex jgħatu daqqa t'id u dawn kollha ser jieħdu l-bonus.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-kuntrattur tagħna jitħallas sew ta dan ix-xogħol u jekk isir mill-ħaddiema tagħna niffrankaw, pero m'għandniex bħalissa.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi nistgħu ngħidu anke lil Fabio għal patching.

Kien hemm qbil dwar dan.

**19.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:**

**19.4.1 *Mistoqsija mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri (Nru 008-12/12/25):***

*''Nixtieq nistaqsi rigward Triq il-Lampuka ħdejn l-iskola San Ġwakkin, jekk l-aċċessibilita' tar-residenti waqt il-ħin tal-iskola huwiex uffiċjalment awtorizzat.''*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi qed jistaqsi għaliex inqalat kwistjoni f'din it-triq ma xi residenti.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal dan il-kaz huwa simili bhal fi Triq l-immakulta, pero hawn wasalna f'kompromess mal-Pulizija illi la darba ma jkunx qed jaqsmu xi tfal il-Pulizija jagħtu permess lil dan ir-resident li jkollu permess biex jgħamel dan minflok tħalliħ jistenna ħamsa u erbgħin minuta sabiex jidħol id dar. Dan dejjem isir taħt is-sorveljenza tal-Uffiċjal tal-Pulizija.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-problema hi dawk li jidħlu gas down fit-triq u għalhekk jixtieq ikun jaf jekk dan hux permess min TM.

Is-Sindku qal illi la hemm it-tabella li ma jistax jgħaddi, id-dħul huwa pprojbit pero hemm din il-konċezzjoni la darba għandek bzonn xi ħaġa urġenti.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk ma jkunx hemm uffiċjal dejjem.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dan biss meta jkun hemm uffiċċjal jekk le trid timxi mat-tabella li tagħddi li ma tistax tidħol jew toħroġ.

**19.5 *Rapporti:***

Ma kienx hemm rapporti.

**19.6 *Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:***

Ma kienx hemm items oħra.

**19.7 *Korrispondenza:***

**19.7.1 *Performance bonus 2025 ħaddiema klerikali,Segretarju Ezekuttiv u ħaddiema:***

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech ipprezenta l-performance bonus tas-sena 2025.

Il-Kunsill qabel li jingħataw il-massimu tal-performance bonuses kemm lill- ħaddiema, ħaddiema klerikali u s-Segretarju Ezekuttiv.

**19.7.2 *Triq iz-Zonqor Marsaskala (35/3152/25/I):***

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-kumitat tat-tismija tat-toroq talab lill-Kunsill sabiex jgħati isem għall tlett passaġġi.

Kien hemm qbil li l-ismijiet proposti ikunu Triq il-Burqax, Triq it-Trill u Triq il-Vopi.

**19.7.3 *Appell Nru 449/25:***

Dan il-Punt ġie diskuss diġa f'punt 3.

**19.7.4** ***Formal complaint regarding proliferation of feral chickens and noise disturbance (35/3050/25/I):***

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din problema li qed jaffeċċjaw diversi lokalitajiet u l-Pulizija kif ukoll il-kummisjoni tal-annimali infurmati u l-Kunsill jsitenna direttivi min naħa tagħhom.

**19.7.5** ***Marsaskala zebra crossing (35/3060/25/I):***

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi TM bgħatu l-proposta tagħhom u jidher li hemm xogħolijiet infrastrutturali li jridu jsiru li f'dak il-kaz isiru min naħa tal-Gvern Ċentrali.

Il-Kunsill qabel li nitolbu lil IM biex jagħmlu ix-xogħlijiet huma.

**19,7,6** ***Request for No Objection for road closures and access restrictions for Festa Tonn 2026 (35/3012/25/I):***

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Mifsud qalet illi fil-proposta l-attivita' kellha issir fl-aħħar ħadd ta' Mejju u mhux fis-6 ta Ġunju u hekk ser taħbat ma' festa melħ jekk tiġi aċċettata.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi jħoss li għas sena d-dieħla naqbzu festa melħ u niffukaw ir-risorsi tagħna fuq l-AGM tad-Douzelage.

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet illi festa melh issa saret celander event.

Kien hemm qbil unanimu li naraw jekk jaċċettawx Festa Melħ umbagħad niddeċiedu wara.

**19.8** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskea ta' pagamenti:***

**19.8.1** Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud staqsiet fuq pagament nru 7878 tal-Catbros.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi din kienet bankina kbira li saret fi Triq Dun Frans Grech u qal li ma kienx jaf li ser isiru daqshekk biċċiet kbar.

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qal illi kien hemm biċċa minnha li kieku ma għamilnijiex konna naqaw għaċ-ċajt għaliex parti minna kienu qed jitilaw fuqa it-trakkijiet.

**19.8.2** Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta pagamenti li daħlu tard:

| Supplier | Inv No | Description | Amount |
|---|---|---|---|
| Santa maria Accordian | 11125 | Milied Skaliz | €450 |
| Community Works scheme enterprise | 3149 | Overtime Dec 2025 | €69.03 |
| Ghaqda Muzikali Sant Anna | | Banda Milied Skaliz 8 ta dicembru | €1500.00 |

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela ssekonda. Il-votazzjoni kienet 11 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

**19.9** ***Mozzjonijiet:***

19.9.1 ***<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri u issekondata mill-Kunsillier is-Sinjura Mary rose Mifsud (Nru 056-20/11/25):</u>***

*''Jipproponi li fi Triq il-Ħamrija u fit-tarf kantuniera fi Triq Patri Wistin Born tittranġa il-bankina. Hemm parti mill-kurduna maqlugħa u parti mill-bankina niżlet u miksura. B'konsegwenza li qed jidħol l-ilma fil-garaxxijiet ta' taħt.''*

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-liġi tgħidlek li l-Kunsill mhux responssabli għal xi ħaġa privata għalkemm il-bankina nistgħu nirranġawha pero jekk hemm bzonn xi membrane dan irid isir min naħa tiegħu hu qal illi l-Kunsill mhux responsabbli għal ilma li dieħel għax jaf anke jek nibdlu l-bankina l-ilma ma jiqafx jidħollu.

Kien hemm qbil li ssir din il-bankina.

19.9.2 ***<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja u issekondata mill-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Vella (Nru 057-21/11/25):</u>***

*''Kif nafu fil-preżent qiegħed isir xogħol ta' kostruzzjoni fuq il-Promenade. Nafu wkoll li l-kontenituri tal-ħwienet li fil-fatt kienu kerħu u nittnu kullimkien bl-irwejjaħ, tneħħew temporanjament biex isir ix-xogħol. Fid-dawl ta'dan nemmen illi issa huwa l-waqt li tittieħed deċiżżjoni biex dawn ma-jergħux jiġu lura. Għalhekk jiena qed nipproponi illi l-istabbilimenti tal-ikel u xorb għandhom jaslu fi ftehim mal-kollettur biex flok kontenituri joħorġu kollox fil-boroż quddiem l-istabilliment tagħhom sa ċertu ħin u jinġabru tard bil-lejl. Hekk fuq il-promenade ma' jkunx hemm irwejjaħ u ħmieġ iżjed.''*

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi issa l-mument li neħilsu minn din il-problema li ilna naffaċċjaw u jiġu infurmati permess ta ittra.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan u li kellha tintbagħat ittra lis-sidien tar-ristoranti kollha.

19.9.3 ***<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja u issekondata mill-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri (Nru 058-26/11/25):</u>***

*''Ftit ilu konna tkellimna fejn nistgħu nagħtu l-fakulta xi residenti li jkunu jistgħu jwaħħlu xi plakka ma' xi bankijiet jew siġar li għandna fil-Ġnien Sant' Anna jew ohrajn biex. Barra minn xtutna naraw ħafna minn dawn u veru jkunu ta' memorji sbieħ għall-għeżież tagħna.Jiena nipproponi li l-plakkek isiru minn standardized minn naha tagħna u spejjez għall applikant flimkien ma' donazzjoni ta' €100 l-Kunsill. Jekk naqblu diġa hemm tnejn ibbukjati. ''*

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal ser nġibu sample ta biċċa metall u naraw kemm jiġu jiswuna u min irid iwaħħal plakka fuq bank irid iħallas €100.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

19.10 **<u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tlieta 13 ta' Jannar 2026 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 16 ta' Diċembru 2025.

IFFIRMAT

____________

**Josef Grech**
**Segretarju Ezekuttiv**

IFFIRMAT

________________

**Mario Calleja**
**Sindku**